MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 159/2012

Kawza fil-lista: 26

**A B f'isimha u**

**bhala kuratur ad litem tal-minuri CD B**

**vs**

**E. D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B proprio et nomine li jaqra bil-mod segwenti.

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu CD B li illum ghandu sittax il-sena u twieled fit-30 ta' Marzu 1996;

2. Illi l-intimat il-missier naturali rrikonoxxa lill-minuri stante li gab ismu bhala l-missier fuq ic-certifkat tat-twelid;

3. Illi bhala access huwa l-minuri li jiddetermina meta jmur jara lill-missieru u ghalhekk ma hemmx kwistjonijiet tal-access;

4. Illi l-pendenza principali hija tal-manteniment ghax l-intimat ma jaghtiex ebda manteniment;

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tibda l-proceduri tal-Qorti wara li ghaddiet mill-medjazzjoni;

Jghid ghalhekk l-intimat ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta, tiddeciedi u tordna:

1. Tiffissa retta alimentariu jew manteniment u l-modulatijiet tal-hlas tal-istess, favur r-rikorrenti u favur il-minuri CD B;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri CD B tkun f'data f'idejn r-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Eoseph D:-

1. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx mat-tieni talba stante illi l-kura u l-kustodja tal-iben minuri CD B ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet bi dritt ta’ access liberu kif fil-fatt qed issir peress illi t-tifel imur jara lil missieru sikwit. Dan jaghmlu kull meta jkun irid it-tifel peress illi llum ghandu sittax-il sena u jaf jiddeciedi.

2. Illi l-eccipjenti dwar it-tieni talba tal-manteniment jghid illi manteniment ma jsirx peress illi r-rikorrenti meta t-tifel kien zghir qatt ma riedet xejn. Meta mbaghad t-tifel kiber l-eccipjenti dejjem tah il-flus ghal dak li jkollu bzonn. Dan minbarra li t-tifel beda jahdem.

3. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti esklussivament stante illi din il-kawza saret inutilment.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-attrici xhedet illi t-tifel tal-partijiet, Clyde, twieled fit-30 ta' Marzu 1996 u peress li llum ghandu l-eta' tieghu il-missier ghandu access liberu ghat-tifel skond kif minn zmien ghal zmien it-tifel jiftiehem ma' missieru. Xhedet illi kienet kostretta tistitwixxi l-kawza odjerna peress illi l-konvenut ma kien qed jghaddilha l-ebda manteniment,.

In kontro-ezami xhedet illi t-tifel ma jahdimx.

Dwar id-dhul tieghu il-konvenut ipprezenta nota guramentata fid-9 ta' Jannar 2013 b'kopja ta' numru ta' FS 3's minn fejn jirrizulta illi huwa jahdem u skond id-dokumenti ezebiti fis-sena 2009 huwa kellu dhul gross annwu ta' €26,173.00; fis-sena 2010 kellu dhul gross annwu ta' €29,429.00; fis-sena 2011 kellu dhul gross ta' €18,560.00 mill-1 ta' Jannar 2011 sas-6 ta' Awissu 2011, mentri fis-sena 2012 kellu dhul gross ta' circa €11,500.00.

Il-konvenut iddikjara illi barra lil Chuwa ghandu tlett itfal minuri ohra minn zewg nisa ohra u dwarhom ihallas manteniment ta’ €300 fix-xahar. Xhed li ghandu €233 kera fix-xahar kif ukoll self ma’ bank li dwaru jhallas is-somma ta’ €300 fix-xahar. Jghid li ma hux qed ilahhaq mal-paga.

Xhed ukoll CD B, iben il-partijiet, li ddikjara li missieru lilu qatt ma ghaddilu xi flus dwar il-manteniment tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Din il-kawza giet intavolata meta il-wild komuni tal-partijiet kien gia’ kellu sittax-il sena peress li kien ser jaghlaq tmintax-il sena fit-30 ta’ Marzu 2014. Il-kawza ghalhekk saret ghall-manteniment bejn l-10 ta’ Lulju 2012 u t-30 ta’ Marzu 2014 u dan peress li ma jirrizultax li iben il-partijiet baqa’ jistudja *full-time* wara li ghalaq tmintax-il sena.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-attrici naqset milli tressaq provi dwar il-htigijiet tal-minuri kif ukoll dwar id-dhul taghha. Jirrizulta li l-konvenut ghandu dhul annwu gross ta’ €11,500.00 u spejjez rikorrenti komplessivament ta’ circa €850.00 fix-xahar dwar ulied ohra, kera u rifuzzjoni ta’ dejn lill-bank. Fic-cirkostanzi, wara li qieset il-provi skarsi li tresqu, id-dhul u l-ispejjez tal-konvenut, qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghal CD B ghall-perijodu in kwistjoni is-somma ta’ hamsin ewro (€50) fix-xahar.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li l-mertu tat-tieni talba attrici llum jinsab ezawrit, tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici, tiffissa manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici dwar il-minuri Cfis-somma ta’ hamsin ewro (€50) fix-xahar ghall-perijodu mill-10 ta’ Lulju 2012 sat-30 ta’ Marzu 2014.

2. Tichad it-tieni talba stante li Cillum hu maggorenni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------